# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Erbgħa, 16 ta' Lulju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 50/2023 BS**

**Louise Anne Mizzi magħrufa bħala Louise Anne Sultana**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għawdex u Aġenzija Identita Malta**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li ppremettiet;**

1. *Illi l-esponenti twieldet fit-tlieta (3) ta' Ġunju 1971 skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha hawn anness u markat bħala* ***Dokument A*** *liema ċertifikat għandu n-numru progressiv mija u disgħa u tletin (139) sbarra elf disgħa mija u wieħed u sebgħin (139/1971);*

[1] Rik. Ġur. A fol 1 sa 10 b'dokumenti a fol 12 sa 110.

2. *Illi kif jirriżulta mill-istess Att tat-Twelid tar-rikorrenti hija bint Marcel u Mary Anne konjuġi Mizzi u għalhekk hija ħadet il-kunjom ta' missierha u cioe "Mizzi";*

3. *Illi fit-tmintax (18) ta' Ġunju 1988 l-esponenti iżżewġet lil John Sultana fil-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria, Għawdex u dan skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru progressiv wieħed u sittin sbarra elf disa' mija u tmienja u tmenin (61/1988) hawn anness u markat bħala **Dokument B**. Per konsegwenza ta' dan iż-żwieġ l-esponenti ħadet il-kunjom "Sultana';*

4. *Illi sussegwentement iż-żwieġ bejn l-esponenti u John Sultana tkisser irrimedjabilment u l-partijiet kienu isseparaw bis-saħħa ta' kuntratt datat sitta (6) ta' April 1995 pubblikat fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech. Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni huwa anness u markat bħala **Dokument C**. Fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda klawsola fis-sens li l-esponenti kienet qegħda tirriverti għal kunjom xbubitha "Mizzi" u għalhekk hija baqgħet "Sultana";*

5. *Illi sadanittant wkoll l-esponenti bdiet proċeduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ta' Għawdex sabiex iż-żwieġ tagħha ma' John Sultana jiġi dikjarat null. Dan iż-żwieġ infatti ġie dikjarat null permezz ta' sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Għawdex tas-19 ta' Diċembru 1999 liema sentenza ġiet imbagħad konfermata fl-għoxrin (20) ta' Diċembru 2000. Id-digriet ta' eżekuttivita ta' dawn is-sentenzi ingħata fl-għaxra (10) ta' April 2001;*

6. *Illi fit-tlieta (3) ta' Settembru 2001 l-esponenti ippreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex id-deċiżjoni dwar in-nullita taż-żwieġ tagħha tiġi rikonoxxuta mill-Istat Malti a tenur tal-artikoli 23 u 24 tal-Kap. 255. F'dan listess rikors l-esponenti kienet talbet wkoll sabiex hija terġa tirriverti għall-kunjom xbubitha u cioe "Mizzi";*

7. *Illi b'digriet mogħti fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2003 (kopja annessa u markata bħala **Dokument D** il-Qorti tal-Appell filwaqt li laqgħet it-talba tal-esponenti biex id-deċiżjoni ta' nullita mogħtija mit-Tribunal Ekklesjastiku ta' Għawdex tiġi reġistrata u tingħata effetti ċivili a tenur tal-artikoli 23 u 24 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kienet astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tagħha biex hija tirriverti għal kunjom xbubitha Mizzi stante li fi kliem il-Qorti tal-Appell hija ma kellhiex is-setgħa*

*li tippronunzja ruħha dwar din it-talba. La darba għalhekk il-Qorti ma tat l-ebda deċiżjoni dwar dan il-punt għax ma kellhiex setgħa, dan bil-fors kien ifisser li għalhekk l-esponenti baqgħet kunjomha "Sultana" u ma reġgħetx ġiet lura għal kunjomha Mizzi;*

8. *Illi minn dakinhar tal-2003 sal-lum u ċioe għal **għoxrin (20) sena sħaħ** l-esponenti kienet u baqgħet magħrufa bħala Louise Anne Sultana. Infatti anke dokumenti uffiċjali li inħarġu mill-Istat Malti tramite l-Aġenzija Identita Malta u l-awtoritajiet li ippreċedewha, dawn inħarġulha dejjem fuq l-isem Louise Anne Sultana. B'mod partikolari l-esponenti tirreferi għall-passaporti li inħarġulha kif wkoll għall-karti tal-identita. L-esponenti qed tannetti kopja tal-passporti li inħarġulha fis-sena 2003 u anke fis-sena 2013, liema passaporti inħarġulha bil-kunjom Sultana. Kopja ta' dawn il-passaporti huma annessi u markati bħala **Dokumenti E u F** rispettivament. Biex inħarġu dawn il-passaporti fuq il-kunjom Sultana bil-fors li fis-sistema tal-Istat Malti hija kienet wkoll imniżżla bil-kunjom "Sultana". L-istess wkoll għall-karta tal-identia li inħarġitilha fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2014 u l-liċenzja li inħarġitilha fl-erbgħa (4) ta' Ġunju 2012. Dawn it-tnejn inħarġu fuq il-kunjom Sultana. Kopja tal-karta tal-identita kif wkoll kopja tal-liċenzja huma annessi u markati bħala **Dokumenti G u H** rispettivament;*

9. *Illi l-esponenti ma kellha l-ebda raġuni biex tiddubita li kunjomha ma kienx Sultana meta fid-dokumenti uffiċjali hija kienet qegħda tiġi indikata b'dan il-kunjom. Fil-fatt hija addivjeniet għal numru ta' kuntratti fejn hija ġiet indikata bħala Louise Anne Sultana. L-esponenti qegħda tippreżenta żewġ atti ta' bejgħ wieħed datat erbgħa (4) ta' April 2018 pubblikat fl-atti tan-Nutara Dottor Maria Vella Magro u ieħor datat ħamsa (5) ta' Lulju 2022 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvianne Zahra fejn hija biegħet sehemha minn propjetajiet li kellha. Fiż-żewġ atti hija kienet ġiet indikata bħala kunjomha "Sultana". Kopja ta' dawn l-atti huma annessi u markati bħala **Dokument I u J** rispettivament. Anke f'kuntratt ta' xiri datat wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2007 pubblikat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo fejn hija akkwistat propjeta, hija kienet indikata bħala "Sultana". Kopja ta' dan il-kuntratt hija annessa u markata bħala **Dokument K**;*

10. *Illi apparti hekk fis-sensiela ta' dokumenti uffiċjali li inħarġulha matul dawn l-aħħar snin l-esponenti dejjem u mingħajr l-ebda eċċezzjoni kienet dejjem indikata bħala Louise Anne Sultana. Dawn id-dokumenti uffiċjali jinkludu fost oħrajn ittri ta' promozzjonijiet li ingħataw lilha fis-Settur Pubbliku fejn*

*hija taħdem, FS3s li inħarġu lilha b'rabta mal-impjieg governattiv tagħha, ċertifikat ta' kondotta li inħareġ lilha mill-uffiċju tal-Pulizija, dokumenti maħruġa mill-Bank HSBC Bank Malta plc fejn hija għandha l-kontijiet tat-tfaddil tagħha u kontijiet oħra, kontijiet tad-dawl u ilma tar-residenza tagħha u anke ċertifikati ta' korsijiet li hija għamlet. Dawn qed jiġu annessi u markati bħala* ***Dokumenti L sa Dokument AN****;*

11. *Illi riċentament hija marret r-Reġistru Pubbliku biex issir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha fis-sens li l-hyphen ossia sinjal li kien jidher bejn l-ewwel u t-tieni isem taghha jitneħħa biex b'hekk isimha ma jibqax uffiċjalment maghruf bħala "Louise-Anne" iżda jkun ufficjalment magħruf bhala "Louise Anne". Din il-korrezzjoni saret. Pero f'din l-okkażżjoni hija saret taf li fis-Central Data Base tal-Gvern u anke fis-sistema tar-Reġistru Pubbliku kunjomha kien qed jiġi indikat bħala "Mizzi" u mhux "Sultana";*

12. *Illi l-esponenti tixtieq li ssir il-korrezzjoni opportuna fis-sistema fis-Central Data Base tal-Gvern u anke fis-sistema tar-Reġistru Pubbliku biex kunjomha jiġi indikat bħala "Sultana" u mhux Mizzi. Dan in vista tad-digriet tal-Qorti tal-Appell tas-sebgħa u għoxrijn (27) ta' Frar 2003 li ma laqax it-talba tagħha biex hija tmur għal kunjom tagħha ta' xebba "Mizzi" u anke għaliex f'dawn l-aħħar għoxrin (20) sena hija kienet dejjem magħrufa bħala Louise Anne Sultana, dejjem użat il-kunjom "Sultana" u fid-dokumenti uffiċjali maħruġa mill-Istat Malti u dokumenti oħra hija dejjem kienet indikata bil-kunjom "Sultana" u dejjem użat il-kunjom "Sultana". L-esponenti tqis li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn issa wara għoxrin (20) sena u meta hija issa magħrufa ma' kullħadd bħala "Sultana" kunjomha fid-daqqa u l-ħin jinbidel għal "Mizzi";*

13. *Illi din il-kawża qeghda issir wkoll kontra l-Aġenzija Identita Malta għar-raġuni li hija l-Aġenzija Identita Malta li hija responsabbli miż-żamma taċ-Central Database tal-Gvern;*

**Talbet għalhekk lil din il-Qorti:**

*(1) Tordna li għall-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawza jiġi pubblikat Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern skont il-Formula B fit-Taqsima ll tal-Iskeda annessa mal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) illi bih, kull minn ikollu interess jigi imsejjah sabiex jiddikjara, fi zmien hmistax-il gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviz, bil-mezz ta' nota, jekk hux fi*

*hsiebu jopponi t-talba li qeghda taghmel l-esponenti permezz ta' din l-istanza u dan a tenur tal-artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(2) *Tiddikjara li minkejja li l-esponenti kellha ż-żwieġ tagħha annullat hija qatt ma irrivertiet għal kunjom tagħha ta' xebba "Mizzi" iżda baqgħet kunjomha "Sultana";*

(3) *Tordna lill-Aġenzija Identita Malta sabiex tagħmel il-korrezzjonijiet kollha opportuni fic-central database tal-Gvern li tħaddem l-istess Aġenzija Identita Malta sabiex kunjom l-esponenti jerġa' jiġi indikat bħala "Sultana" u mhux "Mizzi";*

(4) *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-Att taż-żwieġ bin-numru progressiv wieħed u sittin sbarra elf disa' mija tmienja u tmenin (61/1988) fil-kolonna intestata "Annotazzjonijiet" issir nota mill-istess Direttur li in vista tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2003, kunjom l-esponenti baqa' "Sultana" u li hija qatt ma irrivertiet għal kunjom "Mizzi" u li per konsegwenza l-esponenti kienet u baqgħet kunjomha "Sultana";*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom msejħa.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex[2] illi eċċepixxa:**

1. *Illi l-esponent jirrileva illi ma huwiex edott mill-fatti kif iddikjarati fir-rikors ġurament;*

2. *Illi mingħajr ħsara għas-suespost, a rigward it-talbiet attriċi, l-attrċi għandha tispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi hija qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha ħalli b'hekk l-esponenti jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, u dan wara li r-rikorrenti tindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi hi qiegħda tesperixxi l-proċeduri istanti;*

---

[2] Risposta a fol 125, 126, u fol ieħor wara dak 126 li mhuwiex paġinat.

3. *Illi, dejjem bla ħsara għal premess, jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi li t-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli, u dan stante li m'hemmx konnessjoni mal-kunjom 'Sultana' u anqas li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni jew tiswija ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skont id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi tali talba hija evidentement mhux sostenibbli peress li r-rikorrenti qiegħda titlob biex tirriverti lura għal kunjom tal-ex-raġel tagħha minkejja li ż-żwieġ tagħhom ġie annullat permezz tas-sentenza msemmija fl-istess rikors tagħha. Una volta ż-żwieġ ġie annullat, ifisser qisu qatt ma sar u għalhekk hija qatt ma tista' terġa' tieħu kunjomu. Dan il-fatt ġie ukoll ikkonfermat permezz ta' sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet Rimona Mifsud magħrufa Cristiano vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku et [Cit. Nru.:-349/2012JA] deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru 2012;*

5. *Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

6. *Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m' għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti:*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Aġenzija Identita' Malta[3] illi eċċepiet:**

[3] Risposta a fol 127 u 128.

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-Agenzija esponenti m'hijiex leġittimu kontradittur kemm ai termini tal-artikolu 181B u kemm ta l-artikolu 306(5) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).*

2. *Illi preliminarjament ukoll, korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 253 tista' ssir biss mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fuq Atti ta' Stat Ċivili. Meta jsiru l-emendi opportuni, mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) dawn jiġu riflessi fis-sistema diġitali mingħajr ebda involviment tal-aġenzija esponenti għaldaqstant it-talba indirizzata fil-konfront tal-aġenzija esponenti hija improponibbli;*

3. *Illi fil-mertu l-esponenti Aġenzija m'hijiex edotta mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuża;*

4. *Illi l-aġenzija esponenti m'għandhiex tħallas spejjeż ta' kawża stante illi ma sar ebda nuqqas min-naħa taghha;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat promotur konsistenti f'dokumenti uffiċjali maħruġa lill-attriċi mill-Istat Malti; kuntratti pubbliċi li fihom tidher l-attriċi; ittri mibgħuta lill-attriċi mid-datur tax-xogħol tagħha; dokumenti maħruġa mid-datur tax-xogħol tal-attriċi dwar ħlasijiet ta' taxxi u emuluzzjonijiet oħra magħmulha mill jew a benefiċċju tal-attriċi; rendikontijiet dwar kontijiet bankarji tal-attriċi; kontijiet tal-utilitajiet maħruġa lill-attriċi, u' ċertifikati tal-istudji ntrapriżi mill-attriċi, liema dokumenti lkoll u konsistentement jidentifikaw lill-attriċi bil-kunjom "Sultana".[4]

**Rat** li l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern rikjest skont il-Formula B tat-Taqsima II tal-Iskeda annessa mal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta ġie debitament ippublikat.[5]

---

[4] Dokumenti a fol 12 sa 110.
[5] Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern a fol 120. Ref. ukoll nota tal-attriċi a fol144 bdokumenti a fol 145 sa 147.

**Rat** in-nota tal-attriċi tal-20 ta' Ottubru, 2023 permezz ta' liema ddikjarat li l-azzjoni odjerna ġiet msejsa fiq l-Artikolu 253 tal-Kap.16, Liġijiet ta' Malta.[6]

**Rat** ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex, tat-8 ta' Novembru, 2023 permezz ta' liema ddikjara li ġjadarba l-attriċi kkonfermat li l-azzjoni odjerna ġiet msejsa fiq l-Artikolu 253 tal-Kap.16, Liġijiet ta' Malta, l-istess azzjoni hija insostenibbli stante li m'hemmx konnessjoni bejn l-attriċi u l-kunjom "Sultana" u anqas ma' effettivament sar xi żball jew ommissjoni da parti tiegħu dwar l-atti ta' stat ċivili relattivi għall-attriċi.[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2023 il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex iddikjara li m'għandu ebda kontestazzjoni dwar l-awtentiċita' tad-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat promotur.[8]

**Rat** in-nota tal-attriċi tal-24 ta' Frar, 2025 permezz ta' liema l-attriċi eżebit varji estratti mir-reġistru ellettorali ta' Malta li juriha bħala "Louise Anne Sultana".[9]

**Rat** li fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2025 l-attriċi għalqet il-provi tagħha mentri l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex, iddikjara li ma' kellux provi xi jressaq.[10]

**Rat** li fl-istess udjenza tas-7 ta' Marzu, 2025 il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista tiġi differita għas-sentenza bil-kawża ġiet għalhekk differita għal-llum għas-sentenza bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet finali fil-mori.[11]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[12]

---

[6] Nota a fol 155.
[7] Risposta a fol 186.
[8] Verbal a fol 180. Ref. ukoll il-verbal tal-20 ta' Frar, 2025 a fol 229. Ref. ukoll il-verbal tas-7 ta' Marzu, 2025 a fol 249.
[9] Nota a fol 230, estratti a fol 231 sa 248
[10] Verbal a fol 249.
[11] Verbal a fol 249.
[12] Nota tal-attriċi a fol 251 *et seq*, tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex, a fol 258 *et seq*.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Louise Anne Mizzi, magħrufa bil-kunjom Sultana**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[13]

Tiddikjara li hija twieldet fit-3 ta' Ġunju, 1971 u ingħatat kunjom missiera "Mizzi". Tgħid li fl-1988 iżżewġet lil John Sultana u ħadet kunjomu "Sultana". Iżżid li fl-1995 isseparat minn ma' John Sultana b'kuntratt ta' separazzjoni tas-6 ta' April, 1995 in atti Nutar Enzo Dimech.

Tiddikjara li dak iż-żmien hi għażlet li żżomm il-kunjom "Sultana" tant li fil-kuntratt ta' separazzjoni ma ngħad xejn dwar rivertiment għal-kunjom xbubitha. Iżżid li għalhekk hi dejjem baqgħat magħrufa bil-kunjom "Sultana".

Tgħid li wara s-separazzjoni bdiet proċeduri għall-annullament liema proċeduri ġew finalment deċiżi fl-20 ta' Diċembru, 2000. Iżżid li f'Settembru, 2001 intavolat imbagħad rikors quddiem il-Qorti tal-Appell għar-rikonoxximent tal-annullament mogħti lilha mit-Tribunal Ekkleżjastiku. Tgħid li f'tali rikors żiedet talba sabiex tibdel kunjomha għal dak ta' xbubitha "Mizzi" iżda l-Qorti tal-Appell qalet li ma kienitx kompetenti tippronunzja ruħha dwar tali talba. Iżżid li għalhekk anke hawn kunjomha baqa' "Sultana".

Tiddikjara li minn hemm baqgħat dejjem magħrufa bil-kunjom "Sultana". Iżżid li dan inkluż fuq kull dokument uffiċjali maħruġ mill-Istat Malti u dokumenti ulterjuri. Telenka d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat promotur tagħha. Teżebixxi dokumenti ulterjuri li juruha bħala "Louise Anne Sultana".[14]

---

[13] Affidavit a fol 133 sa 135.

[14] *Logbook* ta' vettura a fol 136, ċertifikati tal-vaċċin tal-*Covid-19* a fol 137, riżultati mediċi maħruġa mill-isptar *Mater Dei* u poliklinika a fol 138 sa 143.

Tiddikjara li tali dokumenti lkoll juru li mal-medda tas-snin hija dejjem kienet magħrufa bil-kunjom "Sultana". Iżżid li hi qatt ma kellha dubju li kunjomha mhuwiex "Mizzi" iżda "Sultana".

Tgħid li anke meta biegħet jew xtrat proprjeta' dejjem dehret fuq il-kuntratti pubbliċi bħala "Louise Anne Sultana".

Tiddikjara li għalhekk anke sal-llum hija dejjem kienet u għadha magħrufa bħala "Louise Anne Sultana".

**Bernardette sive Nadette Refalo**, ħabiba tal-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[15]

Tiddikjara li ilha taf lill-attriċi sa mis-sena 1998 u matul is-snin kollha tafha biss bil-kunjom "Sultana".

**Mary Rose Attard**, oħt l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[16]

Tiddikjara li huma twieldu lkoll bil-kunjom "Mizzi" iżda maż-żwieġ ħadu kunjom żwieġhom. Tgħid li għalhekk l-attriċi saret "Sultana".

Tgħid li għalhekk, mindu żżewġet 'il quddiem lill-oħta l-attriċi tafha biss bil-kunjom "Sultana".

Iżżid li taf li oħta sseparat u ġabet l-annullament iżda minkejja dan xorta dejjem baqgħet tindirizzha bil-kunjom "Sultana".

**Marlene Piscopo**, oħt l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[17]

Tiddikjara li huma twieldu lkoll bil-kunjom "Mizzi" iżda maż-żwieġ ħadu kunjom żwieġhom. Tgħid li għalhekk l-attriċi saret "Sultana".

[15] Affidavit a fol 149.
[16] Affidavit a fol 150.
[17] Affidavit a fol 151.

Tgħid li għalhekk, mindu żżewġet 'il quddiem lill-oħta l-attriċi tafha biss bil-kunjom "Sultana".

Iżżid li minkejja li oħta sseparat u ġabet l-annullament hija dejjem baqgħet tindirizzha bil-kunjom "Sultana".

**Lucienne Attard**, neputija tal-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[18]

Tiddikjara li lill-zita l-attriċi dejjem kienet u għadha sal-llum tafha bħala "Sultana" u dan peress li kienet miżżewġa "Sultana".

Tgħid li tul ħajjtiha kollha lill-zita l-attriċi dejjem u biss indirizzata bil-kunjom "Sultana". Tgħid li dan minkejja li zita u żewġha eventwalment infirdu.

**Valeria Galea**, ħabiba tal-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[19]

Tiddikjara li lill-attriċi ilha tafha mill-2011 u dejjem indirizzata bil-kunjom "Sultana".

**Oliver Magro**, ħabib tal-attriċi, xehed permezz ta' affidavit.[20]

Jiddikjara li lill-attriċi ilu jafha sa' mill-2017 u dejjem jafha biss bħala kunjomha "Sultana".

**Graham William Gallacher**, ħabib tal-attriċi, xehed permezz ta' affidavit.[21]

Jiddikjara li lill-attriċi ilu jafha sa' mis-sena 2017 u jafha biss bħala kunjomha "Sultana".

---

[18] Affidavit a fol 152.
[19] Affidavit a fol 153.
[20] Affidavit a fol 178.
[21] Affidavit rilaxxat bil-lingwa Ngliża a fol 179. Traduzzjonijiet ta' din il-Qorti.

**Mary Rita Grima**, in rappreżentanza tal-uffiċċju tal-passaporti f'Għawdex, xehdet[22] li l-aħħar applikazzjoni għall-passaport li saret mill-attriċi kienet dik ta' Mejju, 2013. Iżżid li l-passaport inħareġ fl-isimha Louise Anne Sultana.

Tgħid li l-passaport inħareġ fuq il-kunjom "Sultana" skont id-dokumenti disponibbli lilhom ossia l-kopja tal-karta tal-identita' tal-attriċi. Iżżid li tali dokument qabluh mas-sistema tas-*central database* u kien hemm qbiel. Tgħid li s-sistema tagħhom dejjem trid taqbel ma' dik tas-*central database*.

Tgħid li l-*updating* tas-*central database* meta jkun hemm bdil fil-kunjomijiet ma' jsirx minnhom iżda hemm dipartiment apposta.

Teżebixxi kopja tal-applikazzjoni għall-passaport magħmulha mill-attriċi fl-2013.[23]

**Ignatius Ciantar**, in rappreżentanza tal-Aġenzija Identita', xehed[24] li s-*central database* u s-sistema tar-Reġistru Pubbliku mhumiex l-istess sistema iżda huma separati. Iżid li s-*central database* jintuża miċ-ċivil kollu. Iżid ukoll li r-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex ma' jaqax taħt l-aġenzija iżda jaqa taħt il-Minsiteru għal Għawdex.

Jgħid li llum il-ġuranta s-sistemi użati mir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex u Malta huma *streamlined*. Iżid li hemm is-sistema tal-NPRS li ġiet introdotta fl-2019 u hija sistema waħda.

Jgħid li minkejja dan Malta, fejn huwa stazzjonat hu, anke tramite s-sistema NPRS, m'għandux ir-*rights* sabiex jara kull dokument reġistrat Għawdex.

Dwar is-*central database* jgħid li dan ġie ntrodott fl-1994 u oriġinarjament kien biss *database* ta' ismijiet u kunjomijiet. Iżid li mbagħad fl-1996 bdew idaħħlu aktar dettalji nkluż dettalji dwar żwieġ.

[22] Traskrizzjoni a fol 161 sa 163.
[23] Dokument a fol 164 sa 170.
[24] Traskrizzjoni a fol 171 sa 174.

Jispjega li sa tali żmien kien għadhom ma jinkludix in-numri tal-karti tal-identita' għalhekk jekk huma kienu jaraw l-isem "Maria Borg" fuq att taż-żwieġ ma setgħux jallaċaw l-istess ma' att ta' twelid. Jgħid li għalhekk ma setgħux ikunu ċerti li tali persuna li tidher fuq att taż-żwieġ bħala "Maria Borg" hi l-istess "Maria Borg" li tidher fuq att ta' twelid partikolari.

Jgħid li s-sistema kienet għalhekk vaga u tintuża biss b'mod interdipartimentali. Iżid li hekk baqgħet sal-2010 meta nħarġet direttiva mill-*Principal Permanent Secretary Malta* sabiex kollox jiġi *interlinked*.

Jerġa jgħid li minkejja dan is-*central database* u r-Reġistru Pubbliku huma separati. Iżid li għalhekk jekk wieħed issepara u bidel kunjomu, jiġi notifikat ir-Reġistru Pubbliku li jdaħħal l-emmendi neċessarji u l-għada filgħodu jiġi awtomatikament *updated* is-*central database*. Jispjega għalkhekk li minkejja li s-*central database* u r-Reġistru Pubbliku huma separati, hemm konnessjoni bejniethom f'sens ta' *updating*.

Jgħid li meta bdiet tali konnessjoni ma jistax jgħid u jkun irid jixhed xi ħadd mill-MITA.

**L-Avv. Dr. Marlene Cini**, in rappreżentanza tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex, xehdet[25] li meta huma jiġu notifikati b'separazzjoni jew annullament, idaħħlu annotazzjoni fir-Reġistru Pubbliku u tintbgħat emajl lis-*central database* sabiex l-NPRS jiġi aġġornat. Iżżid li għal xi raġuni dan ma' kienx sar dwar l-attriċi u sar biss fl-1 ta' Marzu, 2023.

Tgħid li l-emajl kienet tintbgħat stante li s-sistemi ma' kienux *interlinked*. Iżżid li ma' tafx meta ġew *interlinked*. Tgħid li minkejja li issa huma *interlinked* l-emajl xorta għadha tintbgħat.

Mistoqsija mill-Qorti jekk persuna li tkun annullat iż-żwieġ għandix hi tinforma lis-*central database* tgħid li le. Iżżid li ż-żewġ sistemi – Reġistru Pubbliku u *central database* – iridu jitkellmu ma' xulxin.

[25] Traskrizzjoni a fol 175 u 176.

**In kontinwazzjoni**, xehdet[26] li bħala nformazzjoni dwar ismijiet u konjomijiet ir-Reġistru juża l-atti tat-twelid, żwieġ, u mwiet kif ukoll MPRS u s-*central database*.

Tgħid li l-MPRS hija s-sistema tal-atti mentri s-*central database* jagħti profil ta' kull persuna. Tgħid li maż-żwieġ bejn żewġ persuni d-dettalji tagħhom jiġu allaċjati - *linked*.

Tgħid li l-probemi jinħolqu għax il-*links* bejn is-sistemi varji mhux dejjem kienu tajbin.

Tgħid li fuq l-att tat-twelid tagħha l-attriċi tidher bħala "Mizzi". Tgħid li mbagħad l-attriċi żżewġet fl-1988 u ġiet "Sultana". Iżżid li wara dan ottjeniet l-annullament fl-2003 u fl-14 ta' Lulju, 2004 saret annotazzjoni fuq l-att taż-żwieġ.

Taqbel li l-annotazzjoni tal-2004 ma tgħid xejn dwar il-kunjom iżda tgħid biss li l-attriċi ottjeniet annullament.

Murija l-emajl mibgħuta minn ċertu Joseph Xerri lill-MITA fl-1 ta' Marzu, 2023 – emajl li ġiet eżebita mix-xhud tal-MITA – taqbel li dik kienet rikjesta sabiex jiġi emendat is-*central database* rigward l-attriċi.

Tgħid li dik l-emajl intbagħtet wara li fl-2023 l-attriċi marret sabiex tagħmel karta tal-identita' ġdida u fuq is-*central database* kienet għadha tidher bħala miżżewġa. Iżżid li hawn l-attriċi qalet lir-Reġistru li hija kienet ottjeniet l-annullament. Iżżid li huma ċċekjaw l-att taż-żwieġ mnejn irriżulta li kien hemm annotazzjoni. Tgħid li għalhekk avviċinaw lis-*central database* - lill-MITA – sabiex isir *update* b'dan li fejn qabel l-attriċi kienet tidher miżżewġa tiġi tidher waħedha.

Mistoqsija għalfejn meta saret l-annotazzjoni fuq l-att taż-żwieġ fl-2004 ma sarx dan l-*update,* li sar biss fl-2023 meta l-attriċi marret tagħmel karta tal-identita' ġdida, tgħid li timmaġina li xi difett fis-sistema.

Tgħid li meta żwieġ jiġi dikjarat null għalihom hija prassi li l-mara tirriverti lura għal kunjom xbubitha.

[26] Traskrizzjoni a fol 212 sa 228.

Tgħid li għalhekk huma bagħtu dik l-emajl lis-*central database* sabiex issir l-emmenda fil-kunjom bl-emmenda mbagħad tiġi riċevuta għand tal-karti tal-identita' permezz ta' *update*.

Mistoqsija x'kellhom f'idejhom sabiex għamlu l-annotazzjoni fl-2004 tgħid li kellhom vera kopja tad-deċiżjoni tal-annullament.

Murija d-digriet tal-Qorti tal-Appell dwar ir-rikonoxximent tal-annullament tal-attriċi u mistoqsija ħadux konjizzjoni tat-talba fih għal bidla fil-konjum liema talba l-Qorti ma ħaditx konjizzjoni tagħha, tgħid li dak iż-żmien hi ma' kienetx fir-Reġistru Pubbliku. Iżżid li oltre dan, meta jingħata annullament, il-prassi tagħhom hi li ż-żwieġ qisu qatt ma kien u allura l-mara tirriverti lura għal kunjom xbubitha.

Miġbuda l-attenzjoni tagħha li fil-każ partikolari kien hemm talba speċifika għar-riverżjoni fil-kunjom li ma ġietx akkordata, tgħid li kemm-il darba jkollhom annullamenti u dejjem l-istess pożizzjoni ħadu.

Mistoqsija kif, waqt li l-Qorti tal-Appell qalet li ma kellhiex kompetenza tirriverti lill-attriċi lura għal kunjom "Mizzi", huma ħassew li setgħu hekk jirrivertuha lura, terġa tgħid li huma jeħduha li ġjadarba żwieġ jiġi annullat il-mara tirriverti lura għal kunjom xbubitha.

**Elizabeth Olivieri**, in rappreżentanza tal-MITA, xehdet[27] li fl-1994 il-MITA kienet intalbet tibni s-*central database*. Tgħid li s-sistema bdiet fl-1996 u ġiet żviluppata f'diversi fażijiet.

Tgħid li s-sistema ma tieħux post sistemi oħrajn li jużaw dipartiment varji bħal tal-passporti, karti tal-identita' eċċ iżda tipprovdi biss informazzjoni. Iżżid li minkejja dan is-sistemi varji huma kollha *interlinked*.

Tgħid li fil-bidu s-sistema kienet biss lista ta' ismijiet u kunjomijiet imbagħad bdiet tiddaħħal fiha nformazzjoni oħra bħal indirizzi. Tgħid li l-informazzjoni bdiet għalhekk tiela bil-mod.

[27] Traskrizzjoni a fol 188 sa 190.

Mistoqsija jekk tkun saret bidla dwar xi persuna, minn fejn tiġi l-informazzjoni dwar tali bidla, tgħid li tali nformazzjoni tiġi mir-Reġistru Pubbliku. Iżżid li tali nformazzjoni tasal lis-*central database* b'dak li jissejjaħ *trigger* ossia, b'mod elettroniku. Iżżid li hemm xi bidliet oħra li jiġu notifikati lilhom b'emajl.

Mitluba tivverifika meta u b'liema mezz sar xi tibdil fis-*central database* dwar l-attriċi tgħid li tagħmel dan sas-seduta li jmiss.

**In kontinwazzjoni**, xehdet[28] li b'referenza għal dak li obbligat ruħha tivverifika dwar l-attriċi, qed teżebixxi l-*audit trails* minn fejn jidher ċar kif kienet tiġi aġġronata is-sistema ċentrali.[29]

Tgħid li s-sidien tal-informazzjoni fis-sistema ċentrali huma r-Reġistru Pubbliku.

Tgħid li b'referenza għall-attriċi din oriġinarjament ġiet imdaħħla fis-sistema bħala Louise Anne Mizzi. Iżżid li mbagħad meta l-informazzjoni tas-sistema ċentrali ġiet konsolidata' ma' dik tal-karti tal-identita', irriżulta li konjumha kien inbidel għal "Sultana". Tgħid li wara dan, fl-2023 irċivew emajl mir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex sabiex jemendaw il-kunjom għal "Mizzi". Teżebixxi kopja tal-emajl. [30]

Tgħid li l-emajl kienet tgħid li l-emmenda kellha ssir skont il-*marriage act*. Iżżid li huma raw li kienet saret annotazzjoni fuq l-att taż-żwieġ.

Tgħid li r-Reġistru dik l-emajl biss bagħtu u hi ma talbet ebda informazzjoni ulterjuri stante li sid l-informazzjoni fis-sistema ċentrali huwa r-Reġistru mentri huma jipproċessaw biss.

Tgħid li b'riżultat ta' dan ġie emendat is-*central database*.

Mistoqsija jekk xi ħadd ikunx informa lill-attriċi li saret emmenda fir-rekords tagħha tgħid li għandha tifhem li la tkun intbgħatet emajl jew tkun marret hi jew xi ħadd ikun induna. Iżżid li huma bħala MITA żgur ma jkunux kitbu lill-attriċi. Tgħid li huma *back-end processors* biss. Tgħid li

[28] Traskrizzjoni a fol 204 sa 207.
[29] Dokumenti f'envelop ta' lewn abjad tal-MITA a fol 210.
[30] Dokument f'envelop ta' lewn abjad tal-MITA a fol 210.

huma anqas jiċċekjaw jekk dokumenti uffiċjali bħal karta tal-identita' u passaport miżmuma mill-persuna konċernata jkunux jaqblu.

**In kontro-eżami**, xehdet[31] li llum il-ġurnata s-sistema mhijiex manwali iżda malli jiġi *updated* is-*central database* l-bdil jiġi distribwit lil kull min jieħu l-informazzjoni minn tali sistema.

**In re-eżami**, mistoqsija kif l-informazzjoni dwar il-bdil fil-kunjom tal-attriċi waslet għandhom tant tard – għoxrin (20) sena wara – tgħid li dwar hekk wieħed irid jistaqsi lir-Reġistru Pubbliku. Iżżid tgħid li fl-1988 meta żżewġet l-attriċi fuq l-atti ma' kienux jitniżżlu n-numri tal-karti tal-identita' allura sabiex tagħmel link bejn att ta' twelid u att taż-żwieġ ma kienx tant faċli.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza, wara li għamlet il-varji premessi iċċitati *supra* dwar x'wassalha sabiex tintavola l-proċeduri odjerni, l-attriċi talbet: dikjarazzjoni li minkejja li hija ottjeniet l-annullament taż-żwieġ tagħha minn ma' dak li kien żewġha, John Sultana, hija qatt ma' rrivertiet lura għal kunjom xbubitha "Mizzi" iżda baqgħet kunjomha "Sultana"; ordni sabiex l-Aġenzija Identita' Malta tagħmel il-korrezzjonijiet opportuni fis-*central database* tal-Gvern ta' Malta sabiex kunjomha fl-istess sistema jerġa' jibda jidher bħala "Sultana" u mhux "Mizzi", u; ordni sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel nota fil-kolonna ntitolata "annotazzjonijiet" tal-att taż-żwieġ tagħha numru 61/1988 li turi li kunjomha baqa' "Sultana" u hija qatt ma' rrivertiet lura għal kunjom xbubitha "Mizzi".

Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex laqa' għal tali talbiet atturi billi eċċepixxa qabel xejn li l-attriċi għandha tispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi ressqet il-pretensjonijiet tagħha. Eċċepixxa ulterjorment, u *inter alia*, li jekk l-azzjoni esperita mill-attriċi saret taħt l-Artikolu 253 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, isegwi li tali azzjoni hija nsostenibbli stante li l-imsemmi artikolu ma jippermettix korrezzjonijiet

[31] Traskrizzjoni a fol 207 u 208.

fil-kunjom fejn ma sarx żball. Żied jeċċepixxi wkoll li t-talbiet atturi huma wkoll insostenibbli stante li l-attriċi qed titlob li tirriverti lura għal-kunjom l-eks żewġha meta ż-żwieġ tagħhom ġie dikjarat null, b'dan ifisser li hija ma tistax iżżomm kunjomhu.

Il-konvenuta Aġenzija Identita' Malta eċċepiet preliminarjament li hija mhijiex il-leġittimu kuntradittur. Eċċepiet ukoll, u *inter alia*, li ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16, korrezzjoni fuq att ċivili tista biss tintalab mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-korrezzjonijiet imbagħad, jekk iseħħu, jiġu riflessi fis-sistema ċentrali mingħajr ebda involviment tagħha.

B'nota tal-20 ta' Ottubru, 2023 magħmulha b'risposta għall-eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex li hija kellha tispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi ressqet il-pretensjonijiet tagħha, l-attriċi ddikjarat ulterjorment li l-azzjoni odjerna ġiet msejsa fuq l-Artikolu 253 tal-Kap.16, Liġijiet ta' Malta.[32] B'risposta għal tali dikjarazzjoni, il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex iddikjara li ġjaladarba l-attriċi kkonfermat li l-azzjoni odjerna ġiet msejsa fuq l-Artikolu 253 tal-Kap.16, Liġijiet ta' Malta, l-istess azzjoni hija insostenibbli stante li m'hemmx konnessjoni bejn l-attriċi u l-kunjom "Sultana" u anqas ma effettivament sar xi żball jew ommissjoni da parti tiegħu dwar l-atti ta' stat ċivili relattivi għall-attriċi.[33]

Jiġi ulterjorment osservat li l-ewwel talba attriċi sabiex l-Qorti tordna li għall-inqas ħmistax (15)-il jum qabel is-smiegħ tal-kawża jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern dwar it-talbiet atturi sabiex kull min kellhu nteress seta' iddikjara l-oppożizzjoni tiegħu għat-talbiet atturi giet sorvolata bl-avviż li ġie debitament ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Formula B tat-Taqsima II tal-Iskeda annessa mal-Kodici Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta.[34]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

It-talba prinċipali ta' l-attriċi hija sabiex ir-reġistrazzjoni tagħha fis-sistema ċentrali tal-Gvern ta' Malta tirriverti lura sabiex turiha bħala

[32] Nota a fol 155.
[33] Risposta a fol 186.
[34] Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern a fol 120. Ref. ukoll nota tal-attriċi a fol 144 bdokumenti a fol 145 sa 147.

kunjomha "Sultana" u mhux "Mizzi". Dan skont kif, anke mill-provi in atti, jirriżulta li kienet fil-fatt irreġistrata sa mis-sena 1988, meta żżewġet lill dak li kien żewġha John Sultana, sas-sena 2023, meta fuq struzzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex, il-*MITA*, *qua* entita' li tamministra tali sistema ċentrali, bidlet kunjom l-attriċi minn "Sultana" għal "Mizzi".

Sabiex issostni t-talba prinċipali tagħha l-attriċi ressqet diversi provi kompletament konsistenti mal-fatt li għalkemm hija twieldet u ġiet debitament irreġistrata mal-Uffiċju tar-Reġistru Pubbliku bil-kunjom "Mizzi", minn wara li żżewġet lil John Sultana, u minkejja li ż-żwieġ tagħha mall-istess Sultana sfaxxa, hija dejjem u konsistentement kienet u baqgħat magħrufa bil-kunjom "Sultana".

Infatti, il-provi in atti juri biċ-ċar li l-attriċi:

i twieldet nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju, 1971 lil Marcel Mizzi u Mary Anne Mizzi nee' Gatt u ġiet għalhekk debitament reġistrata bil-kunjom "Mizzi";[35]

ii żżewġet lil John Sultana nhar it-tminatx (18) ta' Ġunju, 1988 u b'hekk ħadet il-kunjom "Sultana";[36]

iii isseparat minn ma' John Sultana b'kuntratt ta' separazzjoni personali tas-6 ta' April, 1995 in atti Nutar Enzo Dimech fejn dehret u ffirmat bħala Louise Anne Sultana u fejn ma saru ebda proviżżjonijiet dwar x'kunjom kellha tħaddan jew kelliex tirriverti lura għal kunjom xbubitha;[37]

iv wara li sseparat minn ma' dak li kien żewġha, John Sultana, proċediet sabiex fis-sbatax (17) ta' Diċembru, 1999 ottjeniet l-annullament taż-żwieġ tagħha minn ma' l-istess John Sultana mit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex, liema annullament ġie kkonfermat b'digriet ta' ratifika tat-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru, 2000. Tali annullament ġie ulterjorment, u b'digriet tal-Qorti tal-Appell Ċivili mogħti nhar is-

[35] Ref. ċertifikat tat-twelid tal-attriċi a fol 12, xhieda tal-attriċi u xhieda tal-varji familjari tal-attriċi li preżentaw affidavits in atti.
[36] Ref. ċertifikata taż-żwieġ a fol 13, xhieda tal-attriċi u xhieda tal-varji familajri u ħbieb tagħha.
[37] Ref. kuntratt ta' separazzjoni personal a fol 14 *et seq* u xhieda tagħha, attriċi.

sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar, 2003, irreġistrat mar-Reġistru Pubbliku ai termini u l-effetti tal-Artikoli 23 u 24 ta' *l-Att taż-Żwieġ*, Kap. 255 Liġijiet ta' Malta;[38]

v minkejja li lill-Qorti tal-Appell li ordnat ir-reġistrazzjoni tal-annullament ottjenut minnha talbitha wkoll tagħti ordni sabiex hija tirriverti lura għal kunjom xbubitha "Mizzi", l-istess Qorti tal-Appell astjeniet milli tagħti provvediment dwar tali talba billi ddikjarat li *"ma jirriżultax li din il-Qorti għandha s-setgħa li tippronunzja ruħha dwar tali talba kif miġjuba* [quddiemha]";[39]

vi minn wara s-separazzjoni personali tagħha 'il quddiem hija baqgħat debitament u konsistentement tuża l-kunjom "Sultana" bħala kunjomha, u dan mingħajr eċċezzjoni, tant li: l-varji dokumenti uffiċjali maħruġa lilha mill-Istat Malti nħarġu lilha fuq il-kunjom "Sultana";[40] hija konsistentement dehret fuq atti pubbliċi notarili bil-kunjom "Sultana";[41] kull meta ingħatat xi promozzjoni fuq ix-xogħol tagħha l-korrispondenza dwar l-istess dejjem intbgħatet lilha bħala Louise Anne Sultana;[42] l-FS3s maħruġa lilha dwar l-introjtu tagħha dejjem inħarġu fuq isimha bħala Louise Anne Sultana;[43] il-faċilitajiet bankarji tagħha kollha jirrikonoxxuha bl-isem Louise Anne Sultana;[44] l-aġenzija tal-utilitajiet ta' dawl u ilma tirrikonoxxiha bħala Louise Anne Sultana;[45] iċ-ċertifikati akkademiċi tagħha kollha nħarġulha fuq l-isem Louise Anne Sultana;[46] dokumenti mediċi maħruġa mill-isptar u polikliniks tal-Istat Malti kollha jirrikonoxxuha bħala Louise Anne Sultana;[47] ir-reġistru elettorali konsistentement elenkaha bil-kunjom "Sultana".[48] Dan mingħajr xejn ma jingħad dwar li ħbieb u familjari tagħha li xehdu f'dawn il-proċeduri u lkoll iddikjaraw bla tlaqliq li lill-attriċi jafuha, għalmenu sa mil-jum taż-żwieġ tagħha li seħħ fl-1988 'il quddiem, unikament bil-kunjom "Sultana".[49]

---

[38] Digriet tal-Qorti tal-appell a fol 19 *et seq.*
[39] Ref. paġna tad-digriet tal-Qortit al-Appell a fol 20.
[40] Ref. kopji ta' dokumenti uffiċjali a fol 22, 23, 24, 25, 72, 73 136.
[41] Ref. kopja ta atti pubbliċi a fol 26 sa 58.
[42] Ref. dokumenti a fol 59 u 60.
[43] Ref. FS3s a fol 61 sa 71.
[44] Ref. dokumenti a fol 74 sa 102.
[45] Ref. dokumenti a fol 103 sa 108.
[46] Ref. ċertifikati a fol 109 u 110.
[47] Ref. dokumenti a fol 137 sa 143
[48] Ref. estratti mir-reġistru elettorali a fol 231 *et seq.*
[49] Riassunti tax-xhieda kollha mogħtija f'din l-istanza jinsabu fit-test ta' din id-deċiżjoni fil-parti "B" tagħha.

Da parti tiegħu, il-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku, Għawdex jgħid li ebda żball jew ommisjsoni ma seħħew fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-attriċi mat-twelid tagħha u fil-bdil kollu li segwa fl-atti ta' stat ċivili tagħha tul is-snin minn hemm 'il quddiem. Dan billi, tramite r-risposta tiegħu - il-pożizzjoni meħudha f'liema ġiet debitament ikkonfermata mix-xhieda rappreżentanti tal-istess konvenut imressqa jixhdu mill-attriċi - jinsisti li tassew l-attriċi twieldet "Mizzi" u żżewġet "Sultana" iżda malli hija ottjeniet l-annullament minn ma' żewġha John Sultana, liema annullament ġie rikonoxxut minnu konvenut fuq l-ordni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili bid-digriet tagħha tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar, 2003, hija tilfet kull dritt li żżomm u tuża konjum l-eks żewġha "Sultana".

Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, tramite r-rappreżentanta tiegħu l-Avv. Dr. Marlene Cini, prodotta bħala xhud mill-attriċi u mitlubha tgħid abbażi ta' xiex ikkoreġew kunjom l-attriċi fis-sistema ċentrali minn "Sultana" lura għal kunjom xbubitha "Mizzi", jgħid biss li tali emmenda hija "prassi" interna tar-Reġistru kull meta jingħata annullament. Dan, tkompli l-istess xhud, billi ir-Reġistru jqies li darba jingħata annullament, iż-żwieġ qisu qatt ma' kien bil-mara jkollha għalhekk tirriverti lura għal-kunjom xbubitha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Interessanti f'dan il-każ huwa l-fatt li filwaqt li mas-separazzjoni personali tagħha minn ma' dak li kien żewġha John Sultana l-attriċi m'għamlet ebda riserva dwar x'kunjom kellha tibqa jew tibda tutilizza minn dakinhar 'il quddiem, bil-kuntratt ta' separazzjoni personali tas-sitta (6) ta' April, 1995 in atti Nutar Enzo Dimech huwa fil-fatt siket dwar dan:[50]

i. fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali hija dehret u ffirmat bħala "Sultana" mentri, kif ingħad, ma saru ebda proviżżjonijiet dwar x'kunjom kellha tibqa jew tibda tutilizza minn dakinhar 'il

[50] Kuntratt a fol 14 *et seq.*

quddiem. Bl-intiża tidher għalhekk li kienet ser tibqa tutilizza l-kunjom "Sultana";[51]

ii. dan huwa kkonfermat mill-fatt li fil-proċeduri ta' annullament li segwew l-istess – għalkemm kopja tal-atti tagħhom mhijiex in atti – jidher li l-attriċi dehret ukoll bħala "Sultana", tant li fil-proċeduri li segwew quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili – hawn elenkati fil-paragrafu li sejjer hawn immedjatament isegwi – dehret ukoll bil-kunjom "Sultana";

iii. il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili kienu sabiex id-deċiżjoni ta' annullament mogħtija mit-Tribunal Ekkleżjestiku ta' Għawdex u kkonfermata mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza tiġi debitament irreġistrata mar-Reġistru Pubbliku, talba li ntlaqgħat, iżda wkoll sabiex l-attriċi tirriverti lura għal kunjom xbubitha "Mizzi"; talba li l-Qorti tal-Appell Ċivili ma' ddekretatx dwarha fid-digriet tagħha tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar, 2003 tant li ddikjarat li *"ma jirriżultax li din il-Qorti għandha s-setgħa li tippronunzja ruħha dwar tali talba"*;[52]

iv. l-annotazzjoni li ddaħlet fl-att taż-żwieġ referibbli għaż-żwieġ bejn l-attriċi u John Sultana – att bin-numru progressiv 61/1988 – b'riżultat tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Ċivili tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar, 2003 ddaħlet nhar l-erbatax (14) ta' Lulju, 2004 u tirreferi biss għad-digriet li ordna r-reġistrazzjoni tal-annullament taż-żwieġ bejn l-attriċi u John Sultana, mingħajr ma tgħid xejn dwar x'kellu jiġri minn kunjom l-attriċi;[53]

Minkejja dan, u kif diġa' ingħad, ir-rappreżentanta tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex, l-Avv. Dr. Marlene Cini, mressqa tixhed mill-attriċi insistiet li malgrad dak li qalet il-Qorti tal-Appell Ċivili fid-digriet tagħha tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar, 2003 u dak li tgħid l-annotazzjoni li ddaħlet nhar l-erbatax (14) ta' Lulju, 2004 fl-att taż-żwieġ tal-attriċi ma' John Sultana; huma bħala prassi jqiesu li żwieġ annullat qisu qatt ma seħħ u allura awtomatikament jirrivertu lil mara lura għal kunjom xbubitha.

[51] Kuntratt a fol 14 *et seq.*
[52] Digriet tal-QOrti tal-Appell Ċivili a fol 19 *et seq.*
[53] Annotazzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ identifikat a fol 13.

Jingħad li hawn ġie spjegat li d-dewmien sabiex mill-erbatax (14) ta' Lulju, 2004 – data li fiha ddaħlet l-annotazzjoni fl-att taż-zwieġ numru 61/1988 – sal-2023 – data li fiha l-attriċi saret taf li kienet saret emenda fis-sistema ċentrali billi inbidel kunjomha minn "Sultana" għal dak ta' xbubitha "Mizzi" – kien aktarx attribwibbli għal nuqqasijiet fil-kordinazzjoni bejn is-sistema ċentrali u r-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex. Dan iżda ftit jaffetwa l-kunsiderazzjonijiet dwar jekk kellux jiġi hekk mibdul kunjom l-attriċi bl-emmenda effettivament mitluba mir-Reġistru Pubbliku lill-*MITA* fis-sistema ċentrali b'emajl mibgħuta mis-Sur Joseph Xerri f'isem ir-Reġistru nhar l-1 ta' Marzu, 2023,[54] kif konfermat mix-xhieda Elizabeth Olivieri f'isem il-*MITA*[55] u l-Avv. Dr. Marlene Cini f'isem ir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex.[56]

In sostenn tar-raġuni għaliex saret tali talba lill-*MITA* għall-korrezzjoni fil-kunjom tal-attriċi, kif ingħad, il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Għawdex, jinsisti li mal-annullament taż-żwieġ il-konjuġi mara titlef il-jedd li tibqa' tutilizza kunjom dak li kien żewġha.[57] Oltre għal tali nsistenza, jressaq referenza għal-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru, 2012 fl-ismijiet ***Rimona Mifsud magħrufa Cristiano vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et***,[58] u dan kemm fir-risposta ġuramentata tiegħu[59] kif ukoll fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu[60] fejn isemmi wkoll id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nahr il-ħmistax (15) ta' Mejju, 2008 fl-ismijiet ***Fenech Adami vs Fenech Adami***.

Id-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Fenech Adami vs Fenech Adami*** titratta fil-fatt l-effett legali prinċipali li jsegwi deċiżjoni ta' annullament ta' żwieġ. In suċċint, dan huwa li bi pronunzjament ta' annullament taż-żwieġ, iż-żwieġ jitqies daqs li kieku qatt ma seħħ ossia, ineżistenti *ab initio*.

Minn naħa l-oħra, id-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Rimona Mifsud magħrufa Cristiano vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et*** tidher

[54] Kopja tal-mejal fl-envelop tal-MITA ta' lewn abjad a fol210
[55] Traskrizzjoni a fol 204 *et seq.*
[56] Traskrizzjoni a fol 212 *et seq.*
[57] Ref. ir-raba' (4) eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, Għawdex u x-xhieda lkoll konsistenti dwar tali pożizzjoni meħudha minnu mogħtija mir-rappreżentanta tiegħu l-Avv. Dr. Marlene Cini.
[58] Ċitazz. Nru. 349/2012 JA.
[59] Ref. ir-raba' (4) eċċezzjoni.
[60] Ref. il-paragrafu tan-nofs fit-tieni (2) paġna tal-istess nota.

tikkonferma li kunjom li jkun irriżulta minn żwieġ li jiġi annullat ma' jistax jinżamm.[61]

Bħal fl-istanza odjerna li wasslet għal din id-deċiżjoni tal-llum,[62] fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Rimona Mifsud magħrufa Cristiano vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et,*** l-attriċi Mifsud kellha uliedha li kienu rreġistrati mar-Reġistru Pubbliku bil-kunjom "Cristiano". Minkejja dan, il-Qorti li tat dik id-deċiżjoni ma qisetx tali realta' bħala konnessjoni tal-hemm attriċi mal-kunjom "Cristiano" iżda waqfet fuq l-effeti noti ta' pronunzjament ta' annullament taż-żwieġ.

Din il-Qorti hija iżda rinfaċċjata b'sitwazzjoni anomala fejn apparti li l-attriċi ppruvat sodisfaċjentement li hija ilha magħrufa konsistentement bil-kunjom "Sultana" mill-1988 meta żżewġet lil John Sultana u minnkejja dak kollu li ġara liż-żwieġ benjha u John Sultana fil-medda taż-żmien; hemm ukoll id-digriet tal-Qorti tal-Appell Ċivili tas-sebgħa għoxrin (27) ta' Frar, 2003 li bħal donnu jidher jikkonferma li minkejja l-pronunzjamanet tal-annullament taż-żwieġ bejn l-attriċi u John Sultana, l-attriċi kien kull kif għadha kunjomha Sultana, tant li l-proċeduri hemm mibdija minnha bħala Louise Anne Sultana komplew sa ma' wasslu fit-tmiem aħħari tagħhom u, saħansitra, ittieħdet deċiżjoni li biha l-Qorti tal-appell attivament astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' talba speċifika għar-riverżjoni tal-attriċi mill-kunjom "Sultana" għal kunjom "Mizzi".

Fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tagħha, l-attriċi tidher tinsisti li tali pożizzjoni meħudha mill-Qorti tal-Appell Ċivili hija rikonoxximent li minkejja l-annullament taż-żwieġ tagħha hi xorta baqgħet kunjomha "Sultana".

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizizzjoni tal-attriċi stante li deċiżjoni ta' Qorti f'li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' talba partikolari ma ġġibx ir-*res judicata* fir-rigward ta' dik it-talba partikolari iżda tħalli l-bibien miftuħa sabiex min oriġinarjament ressaq dik it-talba iressaqha mod ieħor jew quddiem Tribunal jew Qorti oħra kompetenti.

[61] *"Illi t-talba attriċi fir-rigward hija evidentement mhux sostenibbli peress hija qed titlob biex tirriverti lura għal kunjom tal-ex-raġel tagħha minkejja li ż-żwieġ tagħhom ġie annullat permezz tas-sentenza msemmija fl-istess rikors tagħha. Una volta ż-żwieġ ġie annullat, ifisser qisu qatt ma sar. Għalhekk hija qatt ma tista' terġa' tieħu kunjomu."*
[62] L-attriċi odjerna għandha tifel, Neville, li twieled fit-23 ta' Diċembru, 1988 kif jirriżulta mill-ewwel paġna tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-attriċi u John Sultana liema paġna tinsab a fol 14.

Referibbilment imbagħad għal fatt li fil-kuntratt ta' separazzjoni personali tas-sitta (6) ta' April, 1995 in atti Nutar Enzo Dimech ma saret ebda proviżżjoni dwar x'kunjom kellha żżomm jew tibda tutilizza l-attriċi min dakinhar 'il quddiem, jingħad li l-Artikolu 62 tal-Kap. 16, fis-subinċiżi wieħed (1) u tnejn (2) tiegħu, jiddisponi senjatament:

> **62.** *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4, il-miżżewġin jistgħu, mas-separazzjoni, jagħżlu li jirrevertu għal kunjomhom ta' meta twieldu jew għal kunjomhom fiż-żmien taż-żwieġ tagħhom.*
>
> *(2) F'każ ta' separazzjoni konsenswali, **għandha ssir dikjarazzjoni dwar dik l-għażla fl-att pubbliku ta' separazzjoni**, u f'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja, permezz ta' nota ppreżentata fl-atti tal-kawża qabel is-sentenza finali.*
>
> [enfażi ta' din il-Qorti]

Il-kelma "għandha" fis-subinċiż tnejn (2) suċċitat tippremetti li d-dikjarazzjoni hija tassativa u għandha ssir *ad validitatem*, xi ħaġa li fil-każ *de quo* ma' saritx.

Din il-Qorti hija għalhekk propensa taqbel mal-pożizzjoni meħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Fenech Adami vs Fenech Adami*** in sostenn tal-effetti noti ta' pronunzjament ta' annullament.

Jingħad ulterjorment li din il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ ta' annullament, mhux bħal f'każ ta' separazzjoni konsenswali jew ġudizzjarja, ma tissustiex fil-partijiet il-fakolta' li jiddeċiedu huma x'kunjomijiet għandhom iżommu, ossia jekk jirrevertux lura għal kunjomhom ta' meta twieldu jew jibqgħu jħaddnu kunjomhom fiż-żmien taż-żwieġ tagħhom, bil-fakoltajiet li jtihom għal dan il-għan l-Artikolu 62 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta. F'każ ta' pronunzjament ta' annullament, l-għażla mhijiex tal-partijiet stante li l-effett tal-annullament huwa li jrendi ż-żwieġ bħala legalment ineżistenti *ab initio*. Xi ħaġa ineżistenti ma tistax tħalli l-effetti tagħha għajr għal finzjonijiet legali protetti mill-liġi bħal dawk rigwardanti l-ulied taż-żwieġ hekk dikjarat annullat.

Il-kwistjoni f'dan il-każ odjern hija ben diversa minn dik meqjusa fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Ġunju,

2020 fl-ismijiet ***Marie Louise Formosa ġja Perici Calascione vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku***.

F'tali deċiżjoni, minkejja li t-talbiet kienu kważi identiċi għal dawk f'din l-istanza, it-talba attriċi għaż-żamma ta' kunjomha ta' miżżewġa anke wara li kien ġie pronunzjat l-annullament intlaqgħet iżda fuq żewġ binarji għal kollox nieqsa f'din l-istanza: [**i**] stante li l-kuntratt ta' separazzjoni personali kien jinkludi proviżjoni dwar dan bil-kundizzjoni espressa li tali proviżjoni kellha tissussisti anke f'każ ta' pronunzjament ta' annullament, u; [**ii**] stante wkoll li tali deċiżjoni segwit kawża li ma' saritx ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16.

Magħdud dan, u meqjusa wkoll il-prinċipji tal-ġurisdizzjoni kostanti nostrana dwar l-Artikolu 253 tal-kap. 16 u l-limitazzjonijiet tiegħu fejn jidħlu talbiet dwar bdil fil-kunjom – prinċipji li ġew eżaminati *in estenso* minn din il-Qorti odjerna f'deċiżjoni riċenti tagħha stess mogħtija nhar it-30 ta' Mejju, 2025 fl-ismijiet ***Agostino sive Austin Sciberras vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** li għalija ssir referenzja ampja; din il-Qorti ma' tistax għajr tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet atturi.

L-użu kontinwu u ininterrott tal-konjum "Sultana" da parti tal-attriċi ma' jistgħax ixejjen il-kunsiderazzjonijiet hawn magħmulha partikolarment fid-dawl tal-limitazzjonijiet tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 referibbilment għal kwalunkwe' talba għal xi bidla fil-kunjom.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Referibbilment għall-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta Aġenzija Identita' Malta, din il-Qorti tqies li l-Artikolu 253 tal-Kap. 16 - li l-attriċi kkonfermat bħala dak li taħta ressqet it-talbiet tagħha - bl-ebda mod ma japplika, jsejjaħ jew jagħti xi setgħa lill-Aġenzija konvenuta. Ulterjorment, l-istess Aġenzija konvenuta m'għandha ebda jedd, fakolta' jew mezz tagħmel xi emmendi kif mitluba mill-attriċi u ċertament mhijiex kolpevoli ta' xi bdil li hekk sar jew tardivita' f'li ttieħdet azzjoni dwar l-istess. Għaldaqstant, l-istess ma' tistax għajr tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deċiż:

1. tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba attriċi billi l-istess ġiet sorvolata fil-mori ta' dawn il-proċediment;

2. tiċħad it-tieni (2) talba attriċi stante l-effetti noti ta' pronunzjament ta' annullament;

3. tiċħad it-tielet (3) talba attriċi u tillibera lill-Aġenzija Identita' Malta mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. tiċħad ir-raba' (4) talba attriċi.

Spejjeż a karigu ta' l-attriċi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur